# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## MHALLEF

## ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 27 ta' Ottubru 2016**

**Kawza Numru : 24**
**Rikors Guramentat Numru : 107/2016/LSO**

**David u Jane konjugi Calleja (bil-karta tal-identita' numru 307555M u 663756M rispettivament) *sive* Calleja Urry**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku u b' digriet tal-21 April 2016 gew kjamati in kawza Adam Calleja *sive***

**Calleja Urry (ID 300788M) u Davinia Dingli nee` Calleja *sive* Calleja Urry (ID 178581M)**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors guramentat ta’ David u Jane konjugi Calleja (bil-karta` tal-identita' numru 307555M u 663756M rispettivament) *sive* Calleja Urry datat 9 ta’ Frar 2016 fejn: -

Jesponu bir-rispett ir-rikorrenti li qeghdin jiddikjaraw illi jafu bil-fatti segwenti personalment, filwaqt li David Calleja *sive* Calleja Urry qieghed presenzjalment jikkonferma s-segwenti bil-gurament tieghu:

1. Illi r-rikorrent David Calleja *sive* Calleja Urry twieled fit-8 ta' April 1955 kif jirrizulta mill-att ta' twelid tieghu bin-numru ta' skrizzjoni 3075 tas-sena 1955 hawn anness u mmarkat bhala **<u>DokDCUl;</u>**

*2.* Illi minkejja li fl-imsemmi att ta' twelid missier u omm ir-rikorrent kienu gew indikati bhala kunjomhom "Calleja", l-familja tar-rikorrent inkluz hu u l-genituri tieghu kienu (u fil-kaz ta' min ghadu haj, ghadhom) konsistentement maghrufha u ufficjalment rikonoxxuti bil-kunjom "Calleja Urry" u dan *stante* illi n-nanna paterna tal-istess rikorrent

kienet kunjomha xebba "Urry" kif indikat fl-att ta' twelid ta' missier ir-rikorrent, illum defunt, Lawrence Calleja Urry **(Dok DCU2):**

3. Illi dan l-istat ta' fatt huwa kkonfermat ukoll bis-sahha tas-segwenti dokumenti illi juru illi l-ahwa tar-rikorrent David Calleja *sive* Calleja Urry u kif ukoll omm l-istess rikorrent, Evelyn, li ghadha hajja, ufficjalment jgorru l-kunjom ta' "Calleja Urry":

- **Dok DCU3:** Kopja tal-karta tal-identita' ta' omm ir-rikorrent, Evelyn Calleja Urry;

- **Dok DCU4:** Ic-certifikat tat-twelid ta' hu r-rikorrent, Mark Calleja Urry;

- **Dok DCU5:** Ic-certifikat tat-twelid ta' hu r-rikorrent, Simon Calleja Urry;

- **DokDCU6:** Ic-certifikat tat-twelid ta' hu r-rikorrent, Alan Calleja Urry;

- **Dok DCU7:** Kopja tal-passaport ta' hu r-rikorrent, Alan Calleja Urry;

- **Dok DCU8:** Kopja tal-passaport ta' hu r-rikorrent, Mark Calleja Urry;

- **Dok DCU9:** Kopja tal-karta tal-identita' ta' hu r-rikorrent, Mark Calleja Urry;

4. Illi c-certifikati ta' twelid tal-imsemmija ahwa tar-rikorrent, u cioe` ta' Mark Calleja Urry, Simon Calleja Urry u Alan Calleja Urry, juru ukoll illi l-genituri taghhom (u allura l-genituri tar-rikorrent) kellhom kunjomhom b'mod ufficjali Calleja Urry;

5. Illi jidher illi sar zball min-naha ta' missier ir-rikorrent ghaliex minkejja illi matul hajtu u specjalment wara z-zwieg tieghu huwa addotta b'mod ufficjali l-kunjom "Calleja Urry" (minhabba li ommu kienet kunjomha xebba "Urry") - ara fost ohrajn kopja tad-dokumenti esebiti bhala dokument wiehed f' **Dok <u>DCU 10</u>** - meta mar jirregistra l-att ta' twelid ta' ibnu **<u>(Dok DCU 1)</u>** huwa kien iddikjara li kunjomu kien "Calleja" minflok "Calleja Urry". Dan l-izball fil-fatt ma' rrepetihx fil-kaz tat-tfal l-ohra, Mark, Simon u Alan, iIkoll hut ir-rikorrent. Il-fatt li missier ir-rikorrent kien ismu u kunjomu ufficjalment "Lawrence Calleja Urry" huwa ukoll rifless fic-certifikat tal-mewt tieghu mmarkat bhala **<u>Dok DCU 11;</u>**

6. Illi r-rikorrent min-naha tieghu, ghalkemm ufficjalment kunjomu "Calleja" ilu ghal zmien twil u b'mod konsistenti juza, kif ukoll jigi maghruf u msejjah bhala "David Calleja Urry" fl-atti kollha tal-hajja civili u dan kif jixhdu *inter alia* s-segwenti dokumenti:

- **<u>Dok DCU 12:</u>** Kopja tal-licenzja tas-sewqan tar-rikorrent;
- **<u>Dok DCU 13:</u>** Kopja tal-karta tal-identita' tar-rikorrent;

- **Dok DCU 14:** *Kopja tad-Diploma in Business Management moghtija* lir-rikorrent fis-16 ta' April 1980;

- **Dok DCU 15:** Kopja ta' certifikat mahrug mill-Kamra tal-Kummerc lir-rikorrent ghal serje ta' *lectures* relatati ma' *Principles of Business* li attenda bejn Ottubru 1980 u April 1981;

- **Dok DCU 16:** Dokument mahrug mill-Borza ta' Malta;

- **Dok DCU 17:** Dokument mahrug mill-APS Bank Ltd;

- **Dok DCU18:** Dokument mahrug minn Banif Bank Malta p.l.c.;

- **Dok DCU19:** Dokument mahrug minn HSBC Bank Malta p.l.c.;

- **Dok DCU 20:** Dokument mahrug minn National Westminster Bank Plc ("NatWest Bank");

- **Dok DCU 21:** Dokument mahrug minn Bank of Valletta p.l.c.;

- **Dok DCU 22:** Kont mahrug minn GO p.l.c.;

- **Dok DCU 23:** Polza ta' assigurazzjoni mahruga minn ALC Limited gia' Allcare Insurance Limited:

- **<u>Dok DCU 24:</u>** Kopja ta' serje ta' *business cards* li juru numru ta' kumpaniji u entitajiet ohra illi r-rikorrent jokkupa posizzjoni ezekuttiva fihom;

7. Illi r-rikorrenti zzewgu fis-17 ta' Gunju 1977 kif jidher mill-att taz-zwieg bin-numru ta' iskrizzjoni 1225/1977 anness u mmarkat bhala **<u>Dok DCU 25</u>.** F'dan l-istess att, kunjom ir-rikorrent u kunjom il-genituri tieghu gie indikat bhala "Calleja" naturalment ghax hekk kien u ghadu indikat fl-att tat-twelid tieghu;

8. Illi minkejja dan, sa mill-istess zwieg, ir-rikorrenta kienet u ghadha b'mod konsistenti tuza, kif ukoll tigi maghrufha u msejha bhala "Jane Calleja Urry" fl-atti kollha tal-hajja civili u dan kif jixhdu *inter alia* d-dokumenti gia' esebiti, kif ukoll il-karta tal-identita' taghha (kopja mmarkata bhala **<u>Dok</u> DCU 26),** u kif sejjer jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni;

9. Illi l-fatt illi l-kunjom "Calleja Urry" li biha r-rikorrenti huma maghrufin u li huwa l-kunjom tal-familja tar-rikorrent, ma' jikkombacjax mal-kunjom riprodott fl-att tat-twelid tar-rikorrent u fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti, ikkawzatilhom u qed tikkawzalhom diffikultajiet fil-hajja ta' kuljum specjalment, fil-kaz tar-rikorrent, fix-xoghol professjonali tieghu, u jekk isiru l-korrezzjonijiet mehtiega tigi ffacilitata l-hajja mhux biss taghhom izda ukoll ta' terzi persuni li b'hekk ikollhom l-informazzjoni shiha, ezatta u korretta dwar l-istess rikorrenti;

10. Illi minhabba li l-bdil fl-Atti ta' Stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, l-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi mhux dejjem tqis iz-zieda f' kunjom bhala zball, l-istess Qrati irritenew ukoll illi talba bhal dik tar-rikorrenti tista' tirnexxi mhux biss fuq il-bazi ta' zball fl-atti in kwistjoni izda anke fuq il-bazi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna;

11. Illi r-rikorrenti jixtiequ jirregolarizzaw il-pozizzjoni taghhom *ai termini* tal-Artikolu 253(1) *et. seq.* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta billi jeffettwaw il-korrezzjonijiet/tibdiliet necessarji sabiex l-atti ufficjali taghhom kollha jigu jirriflettu l-kunjom li bih huma maghrufha;

12. Illi r-rikorrenti jixtiequ ukoll *ai termini* tal-Artikolu 253(3) tal-istess Kap. 16, jirregolarizzaw il-pozizzjoni ta' uliedhom, Adam Calleja *sive* Calleja Urry u Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry, billi fl-atti rispettivi tat-twelid taghhom **(Dok DCU 27 u Dok DCU 28)** u fl-att taz-zwieg ta' Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry (mar-ragel taghha Bradley Dingli - **Dok DCU 29),** dawn ukoll gew indikati bhala kunjomhom "Calleja" (fil-kaz ta' Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry din giet indikata bhala kunjom xbubitha "Calleja");

13. Illi fil-fehma umli tar-rikorrenti, il-legislatur Malti m'huwiex kontra illi jsiru t-tibdiliet/korrezzjonijiet necessarji f'kazijiet bhal dawn, u cioe' fejn tali tibdiliet/korrezzjonijiet ikunu mehtiega mhux b'kapricc imma b'necessita' u specjalment fejn jkun hemm ness car bejn il-kunjom mitlub u l-familja tal-applikant;

14. Illi tant dan huwa l-kaz illi l-legislatur innifsu bis-sahha tal-emendi bl-Att numru XV tal-2012 li ntroduciet paragrafu gdid fl-Artikolu 4(3) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ta' l-fakolta' espressa lit-tfal ta' zwieg mwielda qabel is-7 ta' Awwissu 2007, li permezz tas-sottomissjoni ta' formula specifika (Formula T) lid-Direttur tar-Registru Pubbliku, jiddikjaraw li fil-hajja socjali taghhom huma jixtiequ jzidu u juzaw kunjom xbubit ommhom wara l-kunjom ta' missierhom li jkunu assumew mat-twelid taghhom f' liema kaz l-istess Direttur jkun obbligat li jilqa' tali talba;

15. Illi ironikament, li kieku missier ir-rikorrent ghadu haj, dawn il-proceduri kienu jigu evitati billi kieku kien jkun jista' juza l-fakolta' moghtija lilu taht l-imsemmi Artikolu 4(3) sabiex kunjomu ufficjalment isir "Calleja Urry", b'dan li sussegwentement it-tifel tieghu (cioe' ir-rikorrent David Calleja *sive* Calleja Urry) u t-tfal tat-tifel tieghu (cioe' Adam Calleja *sive* Calleja Urry u Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry) kienu ikunu jistghu ufficjalment jaddottaw ukoll tali kunjom taht l-Artikolu 4(7) tal-istess Kap. 16, u l-istess kienet tkun tista' taghmel ir-rikorrenta Jane Calleja *sive* Calleja Urry taht l-Artikolu 4(9) tal-istess Kap. 16;

16. Illi r-rikorrenti jifhmu illi din l-inkonsistenza bejn il-kunjom taghhom kif registrat u l-kunjom fattwali kif inhuma fil-verita maghrufa m'hijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tad-Direttur intimat u ghalhekk m'humiex qed jitolbu li l-ispejjez **tieghu** ta' din il-procedura jbatihom l-istess intimat. Madanakollu, minkejja l-kliem imnizzla (ghax

mehtiega *ad validatem* skont l-Art. 1561(l)(d) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) taht l-intestatura tal-Qorti fil-bidu ta' dan ir-rikors mahluf, u peress illi jhossu illi l-intimat m'ghandu jkollu l-ebda difiza jew oggezzjoni ghat-talba taghhom, r-rikorrenti umilment jistennew illi l-intimat jammetti t-talbiet kollha taghhom bla kondizzjoni permezz ta' nota *ai termini* tal-Art. 158(2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. F'kaz li ma' jsirx dan, ir-rikorrenti qeghdin minn hawn jipprotestaw ruhhom dwar l-ispejjez konnessi mar-risposta mahlufa tal-intimat.

Ghaldaqstant, premess is-suespost, ir-rikorrent jitolbu bil-qima li prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tordna li *a tenur* tal-Art. 254(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, tal-inqas hmistax (15)-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern skont il-Formula B fit-Taqsima II tal-Ewwel Skeda tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta illi permezz tieghu kull min ikollu interess, jigi msejjah sabiex jiddikjara, fi zmien hmistax-il gurnata mill-pubblikazzjoni ta' dak l-avviz, bil-mezz ta' nota, jekk hux bi hsiebu jopponi t-talba tar-rikorrenti;

2. Tiddikjara illi r-rikorrenti ilhom ghal zmien twil u b'mod konsistenti juzaw, kif ukoll jigu maghrufa u msejha bil-kunjom "Calleja Urry";

3. Tordna *ai termini* tal-Art. 253(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir korrezzjoni fl-att ta' twelid tar-rikorrent bin-

numru ta' skrizzjoni 3075 tas-sena 1955, fis-sens illi, fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'riferenza ghall-genituri tat-tarbija, jizdied il-kunjom "Urry" wara l-kunjom "Calleja" biex b'hekk missier it-tarbija jigi ndikat bhala "Laurence Calleja Urry" u omm it-tarbija tigi indikata bhala "Evelyn wife of the said Laurence Calleja Ury";

4. Tordna *ai termini* tal-Art. 253(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li ssir korrezzjoni fl-att ta' zwieg tar-rikorrenti bin-numru ta' skrizzjoni 1225/1977, fis-sens illi, fl-ewwel lok, fil-kolonna "Isem u Kunjom" b'riferenza ghar-ragel, l-isem u kunjom "David Calleja" jigi sostitwit bl-isem u kunjom "David Calleja Urry", filwaqt illi, fit-tieni lok, fil-kolonna "Genituri tal-mizzewgin", b'riferenza ghall-genituri tar-ragel, il-kliem "Lawrence Calleja and Evelyn Calleja nee' Mallia" jigu sostitwiti bil-kliem "Lawrence Calleja Urry and Evelyn Calleja Urry nee' Mallia";

5. Tordna, *ai termini* tal-Art. 253 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, li l-bdil/korrezzjonijiet effettwati fl-atti msemmija jigu riflessi f’ kull att tal-istat civili relattiv ghar-rikorrenti u ghal uliedhom, u cioe' fl-Att tat-Twelid ta' Adam Calleja *sive* Calleja Urry (ID. 300788M) bin-numru ta' skrizzjoni 3007/1988, fl-Att tat-Twelid ta' Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry (ID. 178581M) bin-numru ta' skrizzjoni 1785/1981 u fl-Att ta' Zwieg ta' Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry ma' Bradley Dingli bin-numru ta' skrizzjoni 248/2006;

6. Tordna *ai termini* tal-Art. 256(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta li fi zmien ghaxart (10) ijiem mid-data ta' meta s-sentenza tghaddi in gudikat id-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi nnotiflkat b'kopja vera tas-sentenza ta' din il-Onorabbli Qorti mir-Registratur, u sabiex l-istess Direttur entro l-istess terminu jaghmel il-korrezzjonijiet/tibdil ordnati minn din l-Onorabbli Qorti fis-sentenza taghha;

Rigward l-ispejjez ta' din il-procedura, dawn ghandhom jigu ssopportjati mir-rikorrenti b'eccezzjoni ta' dawk l-ispejjez konnessi mar-risposta mahlufa tal-intimat fil-kaz illi dan tal-ahhar jipprezenta tali risposta.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-21 ta’ April 2016.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 10 ta’ Marzu 2016 (fol 50) fejn Dr. Byron Camilleri għan-nom u in rappreżentanza ta’ l-istess Direttur bil-ġurament tiegħu ddikjara u kkonferma :

1. Illi *in limine litis* huwa meħtieġ li b’ordni tal-Qorti, ta’ lanqas ħmistax-il ġurnata qabel is-smigħ tal-kawża ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern *a tenur* tal-**Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta’ Malta**;

2. Illi *in vista* tal-fatt illi hemm il-possibilita` illi din il-kawża tirriżulta f’emendi fl-Atti tat-Twelid ta’ ulied tar-rikorrenti, u cioé fl-Att tat-Twelid ta’ Adam Calleja *sive* Calleja Urry (ID. 300788M) bin-numru ta’ skrizzjoni

3007/1988, fl-Att tat-Twelid ta' Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry (ID. 178581M) bin-numru ta' skrizzjoni 1785/1981 u fl-Att taż-Żwieġ ta' Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry ma' Bradley Dingli bin-numru ta' skrizzjoni 248/2006, l-esponent jeċċepixxi li huwa indispensabbli għall-benefiċċju ta' l-integrita tal-ġudizzju, li jiġu kjamati fil-kawża l-fuq riferiti ulied tar-rikorrenti *ai termini* tal-**Artikolu 961 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;**

3. Illi bla ħsara għas-suespost u fil-mertu, r-rikorrenti għandhom jispeċifikaw taħt liema artikolu tal-liġi huma qegħdin issejsu l-azzjoni tagħhom ħalli b'hekk l-esponent jkun f'qagħda aħjar li jkun jista' jwieġeb. Kwindi f'dawn iċ-ċirkostanzi, l-esponent bil-permess ta' din l-Onorabbli Qorti, umilment qiegħed jirriżerva u jżomm sħiħ id-dritt tiegħu li jressaq eċċezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-każ u dan wara li r-rikorrenti jindikaw taħt liema disposizzjonijiet tal-liġi huma qegħdin jorbtu l-proċeduri istanti;

4. Illi bla preġudizzju, jidher illi t-talbiet tar-rikorrenti kif inhuma msejsin fir-rikors in risposta huma kontradittorji *stante* illi r-rikorrenti qeghdin jitolbu diversi korrezzjonijiet fl-ewwel, it-tielet, ir-raba' u fis-sitt talbiet tagħhom abbażi tal-**Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** u fl-istess ħin qeghdin jitolbu fit-tieni talba tagħhom sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha *"tiddikjara illi r-rikorrenti ilhom għal żmien twil u b'mod konsistenti jużaw, kif ukoll jiġu magħrufha u msejjha bil-kunjom 'Calleja Urry'"*. Filwaqt li l-ħames talba tar-rikorrenti sabiex jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha *"Tordna, ai termini tal-Art. 253(3) tal-Kap.*

*16 tal-Liġijiet ta' Malta, li bdil/korrezzjonijiet effettwati fl-atti msemmija jiġu riflessi f'kull att tal-istat ċivili relattiv għar-rikorrenti u għal uliedhom, u cioé fl-Att tat-Twelid ta' Adam Calleja sive Calleja Urry (ID. 300788M) bin-numru ta' skrizzjoni 3007/1988, fl-Att tat-Twelid ta' Davinia Dingli nee' Calleja sive Calleja Urry (ID. 178581M) bin-numru ta' skrizzjoni 1785/1981 u fl-Att taż-Żwieġ ta' Davinia Dingli nee' Calleja sive Calleja Urry ma' Bradley Dingli bin-numru ta' skrizzjoni 248/2006"* ma treġix skont il-liġi ta' Malta *stante* li l-**Artikolu 253 (3**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jippermetti sabiex l-annotazzjonijiet awtorizzati jiġu riflessi ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattivi, japplika biss f'każ illi l-bdil jsir *ai termini* tal-**Artikolu 253 (2**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta.** Għaldaqstant, f'każ ta' korrezzjonijiet jkun meħtieġ illi kull żball jiġi indikat individwalment u kull korrezzjoni għandha tiġi awtorizzata minn dina l-Onorabbli Qorti separatament; [*Enfasi tal-esponent*].

5. Illi għaldaqstant, mingħajr preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jirrileva illi l-ebda talba tar-rikorrenti ma tista' tiġi milqugħqa, *stante* li r-rikorrenti ma jistawx jitlobu għall-korrezzjoni u dan għaliex ma jirriżultax mid-dokumenti li ġew mehmuża flimkien mar-rikors ġuramentat li fid-data ta' reġistrazzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent David Calleja kien effettivament sar xi żball jew saret xi ommissjoni. Illi, ġaladarba ma kien sar l-ebda żball jew ommissjoni, jsegwi li l-ebda bidla jew żieda ta' kunjom ieħor ma tista' tiġi effetwata lill-imsemmi att ta' l-istat ċivili skont id-dettami ta' l-**Artikolu 253 tal-Kap 16 tal-Liġijiet**

**ta' Malta.** Għaldaqstant it-talbiet tar-rikorrenti msejsin kif inhuma fuq il-korrezzjoni ma jistawx jiġu milqugħa;

6. Illi madanakollu, bla preġudizzju għas-suespost, ir-rikorrenti lanqas ma jistaw jitlobu l-awtorizzazzjoni lil din l-Onorabbli Qorti sabiex il-premessi tal-azzjoni tagħhom jiġu mibdula b'mod li jinkwadraw ruħhom taħt il-parametri msemmija fl-**Artikolu 253 (2**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. Dan qiegħed jiġi rilevat *stante* li l-**Artikolu 253 (2) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** tagħti l-fakulta` sabiex din l-Onorabbli Qorti jogħġobha, f'każ fejn persuna jġib il-provi meħtieġa, tawtorizza annotazzjoni fuq **l-att tat-twelid** rispettiv sabiex tali persuna tista' tiġi magħrufa **b'isem ieħor**, **u mhux b'kunjom ieħor.** [*Enfasi tal-esponent*] Illi l-esponent itenni illi r-rikorrenti intavolaw l-azzjoni tagħhom sabiex ibiddlu l-**kunjom tagħhom u ta' uliedhom** **u mhux isimhom** minn fuq l-Atti tat-twelid rispettivi u anke minn fuq **l-Att taż-Żwieġ** tagħhom u kif ukoll minn fuq l-Att taż-Żwieġ ta' binthom Davinia Dingli nee' Calleja *sive* Calleja Urry, meta dan is-sub-artikolu (2) huwa limitat biss għal bdil fl-atti tat-twelid. [*Enfasi tal-esponent*];

7. Illi bla ħsara, fir-rigward tal-ħames talba tar-rikorrenti, l-esponent jirrileva illi l-**Artikolu 253 (3**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta** li jippermetti sabiex l-annotazzjoni awtorizzata tiġi riflessa ukoll f'kull att tal-istat ċivili relattiv, japplika biss f'każ illi l-bdil jsir *ai termini* tal-**Artikolu 253 (2**) **tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**. B'hekk l-korrezzjonijiet rikjesti mingħand ir-rikorrenti għandhom jiġu indikati

individwalment abbażi tal-**Artikolu 253 (1) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta**;

8. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost fil-każ *de quo*, ir-registrazzjoni tat-twelid tar-rikorrent David Calleja *sive* Calleja Urry saret minn missieru cioé minn Lawrence Calleja, fejn bħala d-dikjarant kien iddikjara illi kunjomu huwa 'Calleja' u mhux 'Calleja Urry' u dan kif provdut fid-dokument anness u mmarkat 'DOK DRP 1', liema dokument jidher illi kien ġie wkoll iffirmat mingħandu. B'hekk jidher illi aċċetta l-informazzjoni kif tinsab inserita fl-Att tat-twelid relattiv fejn juri li l-kunjom ġie indikat bħala 'Calleja'. *Stante* li l-atti rispettivi qabel ma jgħaddu għar-reġistrazzjoni jiġu mogħtija lil min ikun għamel in-notifika sabiex jiċċekja li l-informazzjoni hija koretta u jiffirma l-Att. Għaldaqstant ma jirriżultax li sar xi nuqqas min-naħa tar-Reġistru Pubbliku u jekk jirriżulta illi hemm xi żball fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, l-esponent m'għandux ibati l-ispejjeż tal-proċeduri istanti *stante* illi l-informazzjoni tniżżlet skont ma' ddikjara l-missier tar-rikorrent, Lawrence Calleja;

9. Illi bla preġudizzju għal fuq imsemmi, l-att tat-twelid rispettiv tar-rikorrent bin-numru progressiv tlett elef, ħamsa u sebgħin (3075) tas-sena elf, disa' mija, ħamsa u ħamsin (1955) ma jipprovdi l-ebda kolonna, intestatura jew spazju ta' l-ebda tip fejn jista' jiġi inserit il-kunjom tat-tarbija *stante* li l-minuri mwielda fiż-żwieġ għandhom jiehdu kunjom missierhom *ai termini* tal-**Artikolu 4(3) tal-Kodiċi Ċivili;**

10. Illi inoltre fit-talbiet tagħhom ir-rikorrenti ma talbux sabiex din l-Onorabbli Qorti **tordna lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jagħmel it-tiswija mitluba** mir-rikorrenti fuq l-att tat-twelid relattiv. Huwa d-Direttur tar-Reġistru Pubbliku li hu vestit bis-setgħa li jirreġistra jew isewwi Atti ta' l-Istatus Ċivili *a tenur* ta' l-**Artikolu 236 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta**. [*Enfasi tal-esponent*]. It-talbiet kif postulati mir-rikorrenti ma jitlobu l-ebda obbligu da parti ta' l-esponent. Isegwi għalhekk illi t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jsiru f'dan ir-rigward;

11. Illi subordinatament, bla ħsara għall-premess, għal dak li jikkonċerna mal-mertu tal-kawża l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat u għalhekk għal dak li għandu x'jaqsam mal-mertu tal-każ inkwistjoni huwa jirrimetti ruħhu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti salv però li l-provi miġjuba jkunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi;

12. Illi bla preġudizzju għal fuq espost, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe każ, l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas ta' aġir ta' l-esponent u kwindi huwa m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

13. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta' April 2016 (fol 58) fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur Intimat u Dr Victor Axiaq ghar-rikorrenti prezenti. Riferribbilment ghat-tieni eccezzjoni l-Qorti ordnat l-kjamat in kawza ta' ulied ir-rikorrenti. Il-Qorti, fuq talba tar-rikorrent mhux opposta ordnat il-korrezzjoni fil-hames (5) talba billi r-riferenza tkun ghal-artikolu 253 u tithassar ir-riferenza ghas-sub-paragarfu (3) b' dan illi jigi indentifikat b'aktar precizjoni waqt it-trattazzjoni. Id-difensur tal-intimat tat ruhha b' notifikata bir-rikors kif korrett u l-Qorti ordnat n-notifika tar-rikors lill-kjamat in kawza u ghal perzentata tar-risposta guramentata u iddefferiet il-kawza ghas-26 ta' Mejju 2016 fid-9:30am.

Rat in-nota tal-kjamati in kawza Adam Calleja sive Calleja Urry (ID 300788M) u Davinia Dingli nee` Calleja *sive* Calleja Urry (ID 178581M) ipprezentata *seduta stante* fis-seduta tas-26 ta' Mejju 2016 a fol 60 tal-process :

Illi permezz taghha huma qeghdin jammettu t-talbiet kollha kontenuti fir-riskors mahluf numru 107/2016/LSO fl-ismijiet indikati fl-okkju ta' din in-nota, minghajr ebda kondizzjoni.

Bl-ispejjez kontra d-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Rat il-verbal tas-seduta tat-Tlieta, 12 ta' Lulju 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehru Dr Stephanie Borg u Dr Graziella Tanti ghad-Direttur Intimat. L-attur u d-difensur tieghu msejha tliet darbiet ma dehrux. Id-difensuri tal-

intimat irrimettew ruhhom ghar-risposta, u ddikjaraw li m'ghandhomx provi ulterjuri. Il-kawza qed tigi differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Ottubru 2016 fid-9:30am. Aktar tard deher Dr Victor Axiaq ghall-attur li ha konjizzjoni ta' dan il-verbal.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi din il-kawza qed issir *ai termini* tal-**artikoli 253 *et sequitur*** tal-Kodici Civili li jahgtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni ta' ismijiet fl-atti tal-istat civili.

Illi l-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** tal-ligijiet ta' Malta saret debitament fit-12 ta' Frar 2016 (fol 49).

Illi *ai fini* tat-tieni eccezzjoni, gew kjamati in kawza ulied ir-rikorrenti. Kif ukoll, *ai fini* tat-tielet, ir-raba' u s-seba' eccezzjoni, giet ordnata l-korrezzjoni tal-hames talba tar-rikorrenti permezz ta' digriet tal-21 ta' April 2016 billi r-referenza ghandha tkun ghall-artikolu 253 u tithassar ir-referenza ghas-subartikolu 3. Ghalhekk, dawn l-eccezzjonijiet, huma wkoll sorvolati.

Illi r-rikorrenti qed jitolbu li l–att tat-twelid taghhom jigi korrett billi jizdied il-kunjom "Urry" wara l-kunjom "Calleja", fil-kolonna "Isem u kunjom" b'referenza ghall-genituri tat-

tarbija. Qed jitolbu li din il-korrezzjoni ssir ukoll fl-atti tat-twelid ta' uliedhom.

Il-kwistjoni kollha f'din il-kawża hija jekk dan il-fatt jistax jiġi korreġġut abbażi tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili. Minn qari tal-kliem testwali jirrizulta li skont l-Artikolu 253(2) jista' jintalab li jinbidel l-isem ta' persuna li tidher fuq iċ-ċertifikat tat-twelid għal dak li bih l-istess persuna hija konsistentement imsejħa (anke jekk huma ismijiet kompletament differenti minn xulxin). Ma jeżistix provvediment simili fir-rigward tal-kunjom, u cioe` biex jinbidel il-kunjom kif reġistrat fuq iċ-ċertifikat tat-twelid ta' persuna sempliċiment għax il-persuna in kwistjoni hija magħrufa b'kwalsiasi kunjom ieħor.

Madanakollu hemm sentenzi fejn persuni effettivament irnexxielhom jottjenu l-awtorizzazzjoni biex ibiddlu kunjomhom minn kif imniżżel fuq iċ-ċertifikat tat-twelid tagħhom.

Illi l-gurisprudenza taghna in materja tammetti cirkostanzi fejn kunjom jista' jizdied ma' kunjom iehor.

Tibda biex tghid bhala principju li l-**artiklu 253(2) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** jirregola korrezzjonijiet fl-isem (il-prenom) ta' persuna, u mhux fil-kunjom. Hekk hu l-insenjament tal-Qrati taghna kif jirrizulta mis-sentenza fl-ismijiet **Damian Damian Schembri vs Direttur tar-Registru Pubbliku** (P.A. per On.Imh.J. Filletti - 1 ta' Frar 2001 fejn il-Qorti spjegat li:-

*"Id-diversi sentenzi citati mill-attur juru biss li l-Qrati accettaw korrezzjonijiet fis-sens ta' inkluzjoni ta' kunjom genitur imma qatt ma accettaw bdil jew zieda ta' kunjom jekk mhux ghax ikun sar zball x'imkien."*

Kif gie ribadit mill-Qorti tal-Appell fil-kaz **Damian Damian Schembri v Direttur tar-Registru Pubbliku** li kkonfermat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (fuq citata), fejn l-istess Qorti, in kwantu anke rilevanti ghall-kaz odjern sostniet li:-

*"Qatt ma kien il-hsieb tal-legislatur li jawtorizza bdil fil-kunjomijiet. Kif gie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar 1947 fl-ismijiet **"Joseph Cutajar vs Avv. Dr. John Scicluna noe"** – sentenza li, ncidentalment, ma segwietx sentenza precedenti tal-Prim Awla tal-31 ta' Ottubru, 1930 fl-ismijiet **"Michele Mc Lean gia` Abdilla vs Notaro Salvatore Cremona nomine et"**,* u ***"John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace vs Direttur tar-Registru Pubbliku"**, 2 ta' Marzu 1994:*

*"…hija haga maghrufa illi l-ligijiet ta' l-istat civili, bir-registrazzjoni ta' l-attijiet tat-twelid u taz-zwieg, kif ukoll tal-mewt, hija haga wisq importanti ghall-hajja civili tas-socjeta`, peress illi minn dawk l-annotazzjonijiet jiddependu hafna drittijiet tac-cittadini. Issa l-kunjom ta' familja, kif inhu l-partimonju ta' l-individwu, li l-familja ma tistax tinnegalu, huwa wkoll il-patrimonju tal-familja li ghandha certu nteress li l-membri taghha jkunu maghrufa b'dak il-kunjom; u huwa*

*wkoll patrimonju tas-socjeta` d-distinzjoni rispettiva tal-familji. Din hija l-bazi u l-ordni ta' kull socjeta`, u ghalhekk teoritikament ma jistax ikun permess lil persuna, l-ghaliex il-kunjom taghha ma joghgobhiex, taghzel kunjom iehor li jidhrilha li hu isbah, u forsi izjed skont l-idejat moderni prevalenti, u taddotta "marte proprio" dak il-kunjom gdid. Kieku jkun hekk, il-konsegwenza tkun id-dizordni u l-konfuzjoni fis-socjeta`, jekk kwantita` kbira ta' cittadini juzaw minn dak, jekk huwa dritt".*

Illi saret referenza fir-rikors promotur ghal gurisprudenza fejn il-Qrati Taghna kienu anqas rigidi fil-konsiderazzjonijiet taghhom ta' 'talbiet ghall-bidliet fl-atti tal-istat civili', fejn gie ritenut li talba bhal din odjerna tista' tirnexxi  mhux biss fuq il-bazi ta' zball izda anke fuq bazi ta' taghrif izjed shih dwar il-persuna.  Illi fil-kaz **McLean gia Abdillah vs Cremona nomine** P.A. deciza fil-31 ta' Ottubru 1930 (Kollez. Vol:XXVII.ii.305), inghad:

"*Illi sewwasew minhabba li l-bdil  fl-atti ta' stat Civili jolqot ukoll lil terzi persuni, il-Qrati taghna fissru li ghalkemm il-ligi ma tqisx iz-zieda jew il-bdil ta' kunjom l-attur bhala zball, ma tistax tinjora ghal kollox talba bhal din, specjalment fejn il-kunjom ikun inbidel taht xi sistema jew ordinament guridika iehor.  F'dawn il-kazijiet, ukoll fl-interess ta' terzi, il-Qrati laqghu talbiet ghal annotazzjonijiet fl-imsemmija atti bil-hsieb li jirriflettu bidliet bhal daw*n."  (Ara wkoll Jason **Paul Grixti vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) deciza fl-24 ta' Ottubru 2002).

Izda din is-sentenza ma gietx segwita mill-istess *Qorti fis-sentenza taghha tal-14 ta' Frar 1947 fl-ismijiet* ***"Joseph Cutajar vs Avv. Dr. John Scicluna noe".***

Illi kkonsidrat li fiċ-ċirkostanzi odjerni mhux qed jintalab li "jinbidel" il-kunjom tar-rikorrenti u tal-kjamati in kawza iżda li dan jiġi "ikkorreġut" peress li bi żball, (jew aħjar bi "żvista" il-kunjom "Urry" ma giex mizjud formalment fuq l-att ta' twelid tar-rikorrent u l-atti sussegwenti li kienu bbazati fuq l-informazzjoni registrata fl-att tat-twelid imsemmi.

Relevanti hu l-kaz **Leonard Ellul sive Ellul Mercer et vs Direttur tar-Registru Pubbliku**, P.A. (JRM) deciz fil-21 ta' Marzu 2002), fejn inghad:

*"Illi din il-Qorti taghraf ukoll li l-ligi civili taghna tal-lum m'ghadhiex iebsa daqs kemm kienet qabel dwar dak li ghandu x'jaqsam mal-kunjom tal-persuna. Mhux biss ghaliex illum il-gurnata l-identita` tal-persuna hija stabbilita u accertata b'mezzi ta' identifikazzjoni u registrazzjoni ohrajn, imma wkoll ghaliex jidher li hija r-rieda espressa tal-legislatur li jhalli li persuna zzid, matul hajjitha kunjom iehor ma' dak li titwieled bih.*[1] *F'dan ir-rigward, il-Qorti hija tal-fehma li huwa evidenti wkoll li tali ghazla ma ssirx bilfors mill-genituri hekk kif it-tarbija titwieled, imma hija ghazla li tithalla fil-persuna nnifisha sa meta ssir tal-eta` li tkun tista' tiddeciedi hi."*

[1] Art. 4(3) tal-Kap 16.

*Illi, ghalhekk, talba tista' tirnexxi mhux fuq il-bazi ta' zball fl-att izda fuq il-bazi ta' taghrif izjed siwi dwar il-persuna."*[2]

F'dik il-kawza c-cirkostanzi kienu li missier ir-rikorrent kien Ellul filwaqt li n-nanna paterna kellha l-kunjom 'Mercer' u l-gharfien tal-familja ta' missier l-attur bhala 'Ellul Mercer' kienet stabbilita ghal zmien twil. B'hekk biz-zieda mitluba minnu, r-rikorrent fir-realta' kien qed jaddotta l-kunjom patern dejjem fil-parametri konsentiti bil-Ligi.[3]

Din il-Qorti taqbel mal-principji enuncjati f'din l-ahhar sentenza u tqies li jezistu l-estremi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti. Il-kunjom tal-familja huwa wiehed - *Calleja Urry* - u l-legislatur stess jirrikonoxxi li hija fakoltattiva ghall-persuna li jzid kunjom xbubit' ommu mal-kunjom patern. Fil-kaz odjern dan ma setax jigi sanat billi missier ir-rikorrent kien gja mejjet meta dahhlu l-emendi ghall-artikolu 4(3) tal-Kodici Civili.

Izda l-On.Qorti tal-Appell aktar recentement issimplifikat il-konsiderazzjonijiet f'kazijiet simili fil-kaz fl-ismijiet **Julia Manduca u Matthew Douglas-Fryer v. Direttur tar-Registru Pubbliku** deciz fis-27 ta' Mejju 2016 fejn il-qorti irriteniet hekk:

*L-Artikolu 253(1) jipprovdi li tista' tintalab "korrezzjoni" ta' reġistrazzjoni. Kuntrarjament għal dak li jargumenta l-intimat, dan l-artikolu ma jispeċifikax x'tip ta' "żball" jista' jiġi*

---

2 *App. Civ.* ***2.3.1994*** *fil-kawza fl-ismijiet* ***J.Zammit vs Direttur tar-Registru Pubbliku.***

3 Ara wkoll **Harold Ellul Mercer et v id-Direttur tar-Registru Pubbliku** (PA(JRM) - 5 ta' April 2001).

*koreġut u għalhekk fil-fehma ta' din il-qorti l-"iżvista" tar-rikorrenti tista' tinkwadra taħtu. Hija għalhekk taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti li t-talba tar-rikorrenti hija ġustifikata taħt dan l-artikolu.."*

Illi fil-mertu, r-rikorrenti ghandhom jippruvaw ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li kienu u huma maghrufin konsistentment bil-kunjom "Calleja Urry".

Illi r-rikorrenti sostnew li minkejja li fl-att tat-twelid ta' missier u omm ir-rikorrent, huma ndikati bhala "Calleja", il-familja tar-rikorrent inkluz hutu u l-genituri tieghu kienu konsistentment maghrufa bhala "Calleja Urry", *stante* li n-nanna paterna tal-istess rikorrent kienet kunjomha xebba "Urry", hekk kif indikat fid-dokument esebit **Dok DCU2**, (fol 11), fl-att tat-twelid ta' missier ir-rikorrent.

Ghalhekk, ir-rikorrenti jsostnu li l-membri l-ohra tal-familja, hut ir-rikorrent, hekk kif jirrizulta minn serje ta' dokumenti esebiti huma mnizzlin fl-atti tat-twelid bhala "Calleja Urry". Illi gie sostnut ukoll mir-rikorrenti li huma konsistentement maghrufa bil-kunjom "Calleja Urry", u esebew dokumentazzjoni kopjuza in sostenn tat-tezi taghhom. Minabrra hekk, omm ir-rikorrent li ghadha hajja, iggorr il-kunjom "Calleja Urry" hekk kif jirrizulta mill-karta tal-identita` taghha, **Dok DCU3** (fol 12).

Illi fic-certifikat tal-mewt ta' missier ir-rikorrent **Dok DCU11** (fol 22) imnizzel hemmhekk, bhala Lorenzo Callejja Urry. Inoltre`, r-rikorrent esebixxa kopja tal-karta tal-identita`

tieghu fejn hu registrat bl-isem David Calleja k/a Calleja Urry David. Gew esebiti sensiela ta' dokumenti bankarji u certifikati akkademici fejn ir-rikorrent hu maghruf bil-kunjom "Calleja Urry".

Fid-dawl tal-affidavits u d-dokumenti esebiti, din il-Qorti hija tal-fehma li r-rikorrenti rnexxielhom jippruvaw li huma konsistentement maghrufin bil-kunjom "Calleja Urry", u t-talba taghhom hija ghalhekk gustifikata kif trid il-ligi.

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' din il-kawza.

Izda, taqbel mal-intimat, li ma jirrizultax li sar zball iputabbli lilu fir-registrazzjoni tal-isem fuq l-att tat-twelid, esebit mill-istess intimat u ffirmat mid-dikjarant Lawrence Calleja, missier ir-rikorrent, illum defunt. Ghaldaqstant, taqbel li l-intimat m'ghandux jigi addebitat bl-ispejjez ta' din il-kawza, u l-ispejjez ghandhom jinkombu fuq ir-rikorrent.

*Ai fini* tad-disa' eccezzjoni, jigi ritenut li abbazi tal-artikolu 4 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta, l-ulied fiz-zwieg ghandhom jiehdu kunjom il-missier, izda s-subartikolu 3 tal-istess artikolu jippermetti zieda fil-kunjom ma' dak li wiehed jiehu malli jitwieled. Inoltre`, gie sufficjentement ippruvat li t-talba tar-rikorrenti kif dedotta hija gustifikata, *stante* li l-membri tal-familja tar-rikorrent, inkluz missier ir-rikorrent illum defunt, kollha huma maghrufa bl-isem "Calleja Urry". Ghalhekk, tichad id-disa' eccezzjoni.

Referibbilment  ghall-ghaxar eccezzjoni tal-intimat, jigi dedott,  li l-ommissjoni ghal talba *ad hoc* sabiex din il-Qorti tordna  lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jaghmel it-tiswija mitluba, ma ggibx l-irritwalita` jew in-nullita' tal-att, u fid-dawl tal-gurisprudenza aktar recenti, il-Qorti ghandha fejn tista' ssewwi zbalji f'atti  gudizzjarji jew timxi per ekwipollenza.  Ghalhekk, tichad l-ghaxar eccezzjoni.

## III. <u>KONKLUZJONI.</u>

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi tichad l-eccezzjonijiet sa fejn huma inkompatibbli ma' din is-sentenza filwaqt li tiddisponi mit-talbiet tar-rikorrenti kif gej:

1. L-ewwel talba tar-rikorrent hija sorvolata billi jirrizulta li saret  il-pubblikazzjoni mehtiega  fil-Gazzetta tal-Gvern, kif rikjest  mil-ligi *ai termini* tal-artikolu 254 tal-Kap 16.

2. Tilqa' t-tieni talba  tar-rikorrenti  u tiddikjara li  r-rikorrenti David u Jane Calleja kienu u ghadhom konsistentment maghrufa bil-kunjom "Calleja Urry".

3. Tilqa' t-tielet talba tar-rikorrent u tordna lid-Direttur intimat jaghmel korrezzjoni fil-margini tal-att tat- twelid bin-numru  ta' iskrizzjoni  3075 tas-sena 1955, b'dan li l-kunjom "Calleja" fil-kolonna "Isem u kunjom" b'referenza ghall-genituri tat-tarbija jsir "Calleja Urry".

4. Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur intimat jaghmel korrezzjoni fl-att taz-zwieg tar-rikorrenti bin-numru 1225 tas-sena 1977 fis-sens, li kull fejn jidher il-kunjom "Calleja" jigi sostitwit bil-kunjom "Calleja Urry".

5. Tilqa' l-hames talba tar-rikorrenti u tordna lid-Direttur intimat biex jaghmel il-korrezzjoni fl-att tat-twelid ta' ulied ir-rikorrenti, Adam Calleja, fl-att tat-twelid tieghu bin-numru 3007 tas-sena 1988, fl-att tat-twelid ta' Davinia Dingli bin-numru 1785 tal-1999 u fl-att taz-zwieg ta' Davinia Dingli bin-numru 248/2006, (*) b'dan li kull fejn jidher il-kunjom "Calleja" dan jigi sostitwit bil-kunjom "Calleja Urry".

6. Tilqa' s-sitt talba tar-rikorrenti u tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata *ai termini* tal-Artikolu 256 tal-kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq citati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrenti.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**27 ta' Ottubru 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Ottubru 2016**

(*) *u fl-att taz-zwieg ta' Adam Calleja bin-numru 1645/16*

Kliem mizjud b'digriet tal-10 ta' Jannar 2017
J Demicoli
Dep Reg

***27 ta' Ottubru 2016.***